# ... u fin-Naxxar

Il-festa tal-Madonna tad-Duttrina fin-Naxxar għalkemm hi waħda sekondarja, jidher li dejjem qajmet interess speċjali f'dan ir-raħal. Dan minħabba l-interess kbir li dejjem ħadu l-prokuraturi ta' din il-festa sabiex ikattru d-devozzjoni lejn Ommna Marija taħt dan it-titlu.



*L-istatwa l-antika tal-Madonna tad-Duttrina fin-Naxxar. Illum tinsab esebita fil-mużew tal-parroċċa*

Fost il-prokuraturi ewlenin nistgħu insemmu lil Dun Ġ.M. Attard, li fi żmienu saret l-ewwel statwa tal-Madonna tad-Duttrina – xogħol fil-kartapesta minn xi ħadd mhux magħruf u li llum jinsab esebit fil-mużew tal-Knisja Parrokkjali – u Francesco Cachia li fi żmienu saret l-istatwa l-ġdida. Prokuraturi oħrajn kienu Dun Ġakomin Galea li kien jagħti t-tagħlim tad-duttrina; Salvu Borg imlaqqam tas-Salvatur li dam prokuratur ta' din il-festa għal żmien twil u li żied l-armar bil-bosta; u Joseph Agius li sar prokuratur fl-1982, u li kompla miexi fuq il-pass għaqli ta' dak li mexxew qablu. Matul iż-żmien din il-festa ssaħħet u kibret sa ma bdew isiru l-jiem tat-tridu, il-quddiesa kantata filgħodu, u l-purċissjoni bil-vara akkumpanjata mill-banda ddoqq innijiet Marjani.

Fl-1990 il-festa twaqqfet u għal disa' snin sħaħ il-purċissjoni ma ħarġitx sa ma fl-1999 il-festa reġgħet bdiet issir fl-aħħar jum ta' Mejju, ix-xahar tal-Madonna, bil-purċissjoni ħafna drabi akkompanjata mit-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina kif ukoll mill-fratelli, l-Kleru u l-abbatini.



L-istatwa tal-Madonna tad-Duttrina turi lil Sidtna Marija, bejn żewġt itfal bil-kiteb tal-katekiżmu f'idejhom. Din l-istatwa ħadet post oħra antika u waslet fin-Naxxar nhar il-Ħadd 24 ta' Settembru 1893. Dakinhar l-istatwa l-ġdida intlaqgħet ħdejn il-Kappella tal-Kunċizzjoni u sa ma waslet fil-pjazza tal-Knisja kienet akkumpanjata mill-Banda La Pace li daqqet marċi ferrieħa, kif ukoll minn folla kbira ta' nies. Fil-pjazza tal-Knisja imbagħad, id-daqq tal-qniepen kompla żied ma' l-atmosfera ferriħija li kien hemm u nħaraq ukoll salut ta' murtaletti. Mill-pjazza l-purċissjoni kompliet għal Misraħ it-Tut u għal Triq Santa Luċija, minn fejn, wara waqfa żgħira, reġgħet lura għall-Knisja Parrokkjali. Fil-knisja tkanta l-innu 'Ave Maris Stella', u l-istatwa tbierket mill-Kappillan Dun Franġisk Briffa.



*ikompli f'paġna 37*

*ikompli minn paġna 35*

Ngħatat ukoll il-barka sagramentali lill-folla numeruża li mliet kull rokna tal-knisja. Wara nżul ix-xemx il-banda La Pace daqqet programm sabiħ ta' marċi, fil-pjazza saret mixgħela, u wara li ntemm il-programm kien hemm ukoll il-logħob tan-nar ta' l-art.

L-istatwa tal-Madonna tad-Duttrina li nsibu fin-Naxxar inħadmet f'Marsilja fi Franza mid-ditta Galard, fuq talba tal-Provinċjal tal-Kapuċċini ta' Malta. Dak iż-żmien il-prokuratur tal-festa kien Francesco Cachia mlaqqam 'l-għażli'. L-istatwa kienet waslet Malta, fid-9 ta' Awissu fuq il-vapur Franċiż 'Villa di Roma' u għall-ewwet ittieħdet fil-kunvent tal-patrijiet Kapuċċini fil-Floriana. L-istatwa kienet qamet ħamsa u tletin lira sterlina, minbarra xi dazji, u l-ġbir għaliha kien sar mill-prokuratur stess, li dak iż-żmien kien kuntrattur tal-bini mal-militar, billi għal xi żmien huwa kien iżomm sold jew tnejn kull ġimgħa lil kull ħaddiem li kellu miegħu. Il-pedestall artistiku huwa indurat bid-deheb u nħadem fl-injam mill-iskultur Carmelo Theuma, mill-Belt Valletta, filwaqt li l-bradella u l-bankun inħadmu minn Ġużeppi Grixti mill-Isla.

Għal żmien twil, matul is-sena, l-istatwa tal-Madonna tad-Duttrina kienet tinżamm f'niċċa proviżorja fil-kappella ta' Santa Luċija fin-Naxxar stess, sakemm fl-1962 bdiet titpoġġa fin-niċċa ta' wara l-bieb il-kbir tal-Knisja Parrokkjali, minflok l-istatwa titulari tal-Bambina, sabiex b'tant għożża u qima titgawda mill-poplu Naxxari kollu.

Christopher Magro
**Dilettant Naxxari**



*L-istatwa tal-Madonna tad-Duttrina tan-Naxxar saret f'Marsilja fis-sena 1893.*



*Il-Kappella ta' Santa Luċija fejn sa l-1962 kienet tinżamm il-vara tal-Madonna tad-Duttrina. (Ritratt minn Bliet u Rħula Maltin)*



